

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-27 ta' Marzu 2015 (Każ R 2568/2014-5), dwar applikazzjoni għal regiżstrazzjoni ta' sinjal tridimensjonali kkostitwit minn forma ta' kaxxa miftuħa bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Dima Verwaltungs GmbH hija kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 328, 5.10.2015.

Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tal-25 ta' April 2016 – Mikulik vs Il-Kunsill

(Kawża T-520/15 P) (¹)

("Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Reklutaġġ — Tkeċċija wara t-tmiem tal-perijodu ta' prova — Appell parzialment manifestament inammisibbli u parzialment manifestament infondat")

(2016/C 222/27)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Filip Mikulik (Praga, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: M. Velardo, avukat)

Appellata: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer u M. Veiga, aġenti)

Suġġett

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (Imħallef uniku) tal-25 ta' Ġunju 2015, Mikulik vs Il-Kunsill (F-67/14, EU:F:2015:65), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Filip Mikulik huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 354, 26.10.2015.

Rikors ippreżentat fl-4 ta' April 2016 – Corsini Santolaria vs EUIPO — Molins Tura (biombo 13)

(Kawża T-145/16)

(2016/C 222/28)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Laura Corsini Santolaria (Madrid, Spanja) (rappreżentant: P. Merino Baylos, avukat)